# FIL-PRIM'AWLA TAL-QORTI ĊIVILI

## IMĦALLEF

## ONOR. JOSEPH R. MICALLEF LL.D.

## ILLUM l-Erbgħa, 29 ta' Marzu, 2017

**Kawża Numru 32**

**Rik. Nru. 5/17JRM**

Graziella **ATTARD**, Agostino Padre Limited (C – 60382) u KGA Limited (C – 72075)

vs

Khaled Barkat Zaky Ahmed **ABDELRAZEK** , Amer Barakat Zaky Ahmed Abdelrazek f'ismu proprju u għan-nom u in rappreżentanza tas-Soċjeta' Rema Trading Limited (C – 69868)

**Il-Qorti:**

Rat ir-Rikors Maħluf imressaq fl-4 ta' Jannar, 2017, li bih u għar-raġunijiet hemm imfissra, l-atturi talbu li din il-Qorti (i) issib li l-imħarrkin ma għandhom l-ebda sehem mill-ammonti li għaddew f'idejn l-atturi mingħand il-kumpannija KB Petrols Srl; (ii) issib lill-imħarrkin jew lil min minnhom responsabbli għad-danni mġarrbin mill-atturi minħabba l-

pretensjonijiet magħmulin mill-istess imħarrkin, jew minn min minnhom; (iii) tillikwida, jekk meħtieġ billi tqabbad perit għal dan il-għan, id-danni mġarrbin minnhom minħabba l-għemil tal-imħarrkin; u (iv) tikkundanna lill-imħarrkin jew lil min minnhom biex jagħmlu tajjeb għad-danni li ġabulhom. Talbu wkoll l-ispejjeż u l-imgħaxijiet legali;

Rat id-degriet tagħha tas-6 ta' Jannar, 2017, li bih ordnat in-notifika tal-atti lill-imħarrkin u tat direttivi lill-atturi għat-tressiq tal-provi min-naħa tagħhom;

Rat it-Tweġiba Maħlufa mressqa mill-imħarrkin fl-1 ta' Frar, 2017, li biha u għar-raġunijiet hemm imfissra, laqgħu għall-azzjoni attriċi billi, b'mod preliminari, qalu li l-kumpannija mħarrka jmissha tinħeles minnufih milli tibqa' aktar fil-kawża billi ma ndaħlet qatt u la fil-pretensjonijiet li jissemmew fir-Rikors maħluf u lanqas fl-atti ġudizzjarji li minnhom jilmintaw l-atturi; li l-ewwel talba ma tistax tintlaqa' minħabba li l-istess talba tagħmel minn kawża bejn l-istess partijiet u li għadha qiegħda tinstema' minn din il-Qorti (diversament presjeduta); li l-azzjoni attriċi tressqet qabel waqtha minħabba li l-kwestjoni qiegħda tinstema' f'kawża oħra mressqa qabel din tal-lum. Fil-mertu, laqgħu billi qalu li l-pretensjonijiet tagħhom (l-aħwa Abdelrazek) saru sewwa u għal raġunijiet tajbin fil-liġi u għalhekk ma jistgħu qatt jinstabu ħatja li ġabu xi danni lill-atturi. Jgħidu li, f'kull każ, l-atturi ma ġarrbux danni;

Rat id-degriet tagħha tat-22 ta' Frar, 2017[1], li bih ordnat li qabel kull ħaġ'oħra ssir it-trattazzjoni tal-ewwel eċċezzjoni preliminari tal-imħarrkin, u tat żmien lill-partijiet biex iressqu Nota fl-atti tal-kawża biex jindirizzaw l-istess eċċezzjoni;

Rat in-Nota mressqa mill-atturi fit-3 ta' Marzu, 2017[2], li biha fissru għaliex il-kumpannija mħarrka Rema Trading Limited imissha tibqa' fil-kawża;

Rat in-Nota mressqa mill-imħarrkin waqt is-smigħ tad-9 ta' Marzu, 2017[3], biex ifissru għaliex il-kumpannija mħarrka ma hemmx postha f'din il-kawża;

Semgħet it-trattazzjoni ulterjuri tal-avukati tal-partijiet;

---

[1] Paġ. 66 tal-proċess
[2] Paġġ. 67 sa 71 tal-proċess
[3] Paġġ. 74 – 6 tal-proċess

Rat l-atti kollha tal-kawża;

Rat id-degriet tagħha tad-9 ta' Marzu, 2017, li bih ħalliet il-kawża għal-lum għas-sentenza dwar l-ewwel eċċezzjoni preliminari tal-imħarrkin;

***Ikkunsidrat:***

Illi din hija azzjoni għal ċaħda ta' pretensjonijiet u għad-danni minħabba l-ħruġ ta' atti ġudizzjarji marbutin mal-imsemmija pretensjonijiet. L-atturi jgħidu li, wara li kumpannija (bl-isem ta' KB Petrols Srl) ħallsithom somma flus qawwija għas-saldu ta' fatturi maħruġin mill-istess atturi, l-imħarrkin qegħdin jgħidu li kien hemm ftehim li, bis-saħħa tiegħu, parti minn dik is-somma riedet tgħaddi għandhom mingħand l-atturi. L-atturi jiċħdu li kien hemm xi ftehim f'dan is-sens. Jgħidu li, biex isostnu l-pretensjonijiet tagħhom, l-imħarrkin fetħu kawża u ħarġu wkoll Mandati kawtelatorji dwar il-pretensjonijiet tagħhom. L-atturi jgħidu li kemm l-imsemmija kawża u kif ukoll l-imsemmija Mandati kawtelatorji saru għalxejn u biex idejquhom, u ikkawżawlhom danni. Iridu l-Qorti ssib li xejn mill-pretensjonijiet tal-imħarrkin ma jitqies li huwa minnu u li l-istess imħarrkin jagħmlu tajjeb għad-danni li ikkawżaw bil-ħruġ tal-atti ġudizzjarji msemmija;

Illi għal din l-azzjoni, l-imħarrkin laqgħu billi, b'mod preliminari, qalu li l-kumpannija mħarrka jmissha tinħeles minnufih milli tibqa' aktar fil-kawża billi ma ndaħlet qatt u la fil-pretensjonijiet li jissemmew fir-Rikors Maħluf u lanqas fl-atti ġudizzjarji li minnhom jilmintaw l-atturi; li l-ewwel talba ma tistax tintlaqa' minħabba li l-istess talba tagħmel minn kawża bejn l-istess partijiet u li għadha qiegħda tinstema' minn din il-Qorti (diversament presjeduta); li l-azzjoni attriċi tressqet qabel waqtha minħabba li l-kwestjoni qiegħda tinstema' f'kawża oħra mressqa qabel din tal-lum. Fil-mertu, laqgħu billi qalu li l-pretensjonijiet tagħhom (l-aħwa Abdelrazek) saru sewwa u għal raġunijiet tajbin fil-liġi u għalhekk ma jistgħu qatt jinstabu ħatja li ġabu xi danni lill-atturi. Jgħidu li, f'kull każ, l-atturi ma ġarrbux danni;

Illi din is-sentenza qiegħda tqis biss l-ewwel eċċezzjoni preliminari dwar jekk il-kumpannija mħarrka (minn issa 'l hemm imsejħa "Rema") messhiex tħarrket u jmisshiex tibqa' parti fil-kawża;

Illi għal dak li jirrigwarda l-fatti li joħorġu mill-atti u li huwa ta' siwi għall-eċċezzjoni taħt eżami, jirriżulta li fis-17 ta' Settembru, 2015, l-atturi ħarġu ħames (5) fatturi għall-ħlas ta' servizzi mogħtijin lil kumpannija bl-isem ta' KB Petrols S.r.l. bis-sedi tagħha f'Ruma[4]. L-attriċi *proprio* hija wkoll rappreżentanti taż-żewġ kumpanniji attriċi. Il-ħlas tal-imsemmija fatturi sar jumejn wara permezz ta' operazzjoni bankarja fuq talba ta' KB Petrols (li tagħha l-imħarrek Khaled Abdelrazek huwa "id-Direttur, benefiċjarju uniku u firmatarju"). L-imħarrek l-ieħor Amer jiġi ħu l-imħarrek Khaled Abdelrazek;

Illi fid-29 ta' Novembru, 2016, l-imħarrkin aħwa Abdelrazek talbu u kisbu l-ħruġ ta' Mandat ta' Sekwestru kawtelatorju għas-somma ta' miljun u tliet mitt elf euro (€ 1,300,000) kontra l-atturi[5]. It-talba ntlaqgħet mill-Qorti l-għada. Il-kawżali msemmija fl-istess Mandat tgħid li dik is-somma kellha tgħaddi għand is-sekwestranti mis-sekwestrati mill-ħlas li kien sarilhom minn KB Petrols S.r.l.;

Illi fit-12 ta' Diċembru, 2016, l-imħarrkin aħwa Abdelrazek talbu u kisbu l-ħruġ ta' żewġ Mandati kawtelatorji oħrajn, wieħed ta' Qbid[6] u l-ieħor ta' Arrest ta' Bċejjeċ tal-Baħar 'il fuq minn għaxar metri[7]. Il-kawżali fiż-żewġ Mandati kienet l-istess bħal dik tal-Mandat maħruġ f'Novembru. Il-Mandati nħarġu mill-Qorti dakinhar li ntalbu;

Illi fid-19 ta' Diċembru, 2016, l-imħarrkin aħwa Abdelrazek fetħu kawża quddiem din il-Qorti[8] kontra l-atturi għall-ħlas tas-somma ta' miljun u tliet mitt elf euro (€ 1,300,000) skond l-imsemmija pretensjonijiet tagħhom;

Illi la fl-atti tal-Mandat kawtelatorji u lanqas fl-atti tar-Rikors Maħluf, Rema mhijiex waħda mill-partijiet;

Illi fl-4 ta' Jannar, 2017, l-atturi fetħu din il-kawża;

---

[4] Dokti "A", "B" u "Ċ", f'paġġ. 8 -, 11 – 2 u 14 tal-proċess
[5] Mand. 1764/16 Dok "B" f'paġġ. 44 – 5 tal-proċess
[6] Mand. 1830/16 Dok "B", f'paġġ. 46 – 7 tal-proċess
[7] Mand. 1831/16 Dok "B", f'paġġ. 48 – 9 tl-proċess
[8] Rik. Nru. 1144/16MH

Illi l-kunsiderazzjoni legali li din il-Qorti trid tqis f'din is-sentenza hija limitata għall-kwestjoni tal-leġittimazzjoni passiva ta' Rema. F'dan l-eżerċizzju, il-Qorti trid tistrieħ fuq il-provi li tressqu quddiemha sa dan l-istadju bikri tal-kawża u, x'aktarx, minn dak li jidher mill-atti mressqa, fil-qafas tal-azzjonijiet li l-partijiet ressqu kontra xulxin;

Illi l-eċċezzjoni mqajma minn Rema hi li hija mhijiex il-kontradittriċi leġittima tal-pretensjonijiet attriċi u li ddaħħlet fil-kawża biss biex issir pressjoni fuqha bla ma kienet imdaħħla fil-ġrajja;

Illi ladarba l-eċċezzjoni taħt eżami qiegħda titqies fl-istadju bikri tal-kawża u bħala eċċezzjoni preliminari, huwa fuq livell *prima facie* li din il-Qorti trid tqisha. Dan għaliex l-eċċezzjoni tinkwadra ruħha fil-qafas ta' kif inhi mfassla l-kawża. Għalhekk ingħad diversi drabi meta eċċezzjoni bħal din kienet tqajmet f'kawżi oħrajn, li s-sejbien minn Qorti li persuna hija kontradittur leġittimu m'hijiex lanqas konklużjoni definittiva li tali persuna hija l-ħatja jew li b'hekk stqarret il-ħtija. Id-dikjarazzjoni ta' Qorti li parti f'kawża tkun kontradittur leġittimu ma tfisser bl-ebda mod li dik il-Qorti ma tistax, meta tqis l-eċċezzjonijiet ta' dik il-parti u wara li tkun semgħet it-trattazzjoni tal-każ fil-mertu, aktar 'il quddiem tasal għall-fehma li dik il-parti ma kellha xi twieġeb xejn għall-obbligi attribwiti lilha mill-parti attriċi[9];

Illi l-liġi trid li eċċezzjoni bħal dik li għandha quddiemha issa tingħata sentenza dwarha b'kap għaliha, mhux bilfors fil-bidu tal-kawża, iżda wkoll mas-sentenza aħħarija[10]. Huwa miżmum li l-eċċezzjoni li parti ma hijiex il-kontradittriċi leġittima tal-azzjoni mressqa kontriha titqies bħala waħda perentorja tal-ġudizzju[11] u tista' titqajjem ukoll fi stadju tal-appell[12];

Illi l-effett li jseħħ jekk tintlaqa' eċċezzjoni li l-parti mħarrka ma messhiex tiġi mħarrka jkun dak li l-eċċipjenti tinħeles milli tibqa' fil-kawża[13] u li l-ispejjeż jitbatew minn min ikun ħarrikha għalxejn[14];

Illi fin-Nota mressqa minnhom biex jgħidu għaliex ħarrku lil Rema f'din il-kawża, l-atturi jisħqu li Rema jmissha tkun imħarrka għaliex biha fil-

---

9 Ara App. Ċiv. **5.10.2001** fil-kawża fl-ismijiet ***Franz Refalo et vs Jason Azzopardi et*** (mhix pubblikata)
10 Art. 730 tal-Kap 12
11 App. Kumm. **30.5.1995** fil-kawża fl-ismijiet ***Staines et noe et vs Ellul Sullivan et noe et*** (Kollez. Vol: **LXXIX.ii.969**)
12 App. Kumm. **8.4.1957** fil-kawża fl-ismijiet ***Valentino noe vs Vassallo et*** (Kollez. Vol: **XLI.i.637**)
13 App. Ċiv. **3.2.1950** fil-kawża fl-ismijiet ***Dacoutros vs Petrococchino et*** (Kollez. Vol: **XXXIV.i.321**)
14 Ara P.A. AJM **11.11.1996** fil-kawża fl-ismijiet ***Paul Portelli et vs Paul Galea et*** (mhix pubblikata)

kawża hemm il-garanzija li l-interessi tagħhom ikunu mħarsa. Huma jiġġustifikaw il-preżenza ta' Rema fil-kawża billi jgħidu li l-aħwa Abdelrazek mhumiex Maltin u, fil-każ ta' wieħed minnhom, lanqas biss jgħix f'Malta, u li Rema hija l-kumpannija li fiha l-imħarrek Khaled Abdelrazek għandu assi u ġid li jista' jservi bħala garanzija għall-eżekuzzjoni tas-sentenza f'każ li t-talbiet attriċi jintlaqgħu. Fl-imsemmija Nota, l-atturi jgħidu li l-flejjes li l-aħwa Abdelrazek użaw biex fetħu l-kawża tagħhom kienu flejjes ta' Rema u li huma personalment ma jidhirx li għandhom assi u ġid f'isimhom. Minħabba f'hekk, l-atturi jinvokaw il-jedd li "jgħollu l-velu" ta' Rema biex ma jħallux lill-imħarrkin aħwa Abdelrazek jistaħbew wara l-personalita' ġuridika tagħha;

Illi l-Qorti tqis li l-azzjoni attriċi fil-qofol tagħha hija waħda ta' danni mnissla minn pretensjonijiet magħmula mill-imħarrkin aħwa Abdelrazek. Dawk il-pretensjonijiet saru f'kawża miftuħa minnhom (u li għadha qiegħda tinstema' u wkoll bil-ħruġ ta' Mandati kawtelatorji). L-azzjoni attriċi hija waħda maħsuba fl-artikolu 836(9) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta. Tqis ukoll li Rema ma tissemma mkien bħala parti fl-atti ġudizzjarji mressqin kontra l-atturi. Tqis ukoll li l-liġi tagħti azzjoni għad-danni lil min ikun inħareġ kontrih mandat kawtelatorju kontra "r-rikorrent li fuq talba tiegħu jkun inħareġ il-mandat kawtelatorju";

Illi minn dawn iċ-ċirkostanzi u kostatazzjonijiet fattwali, il-Qorti ssib li jidher ċar li Rema ma għandha l-ebda leġittimazzjoni passiva biex twieġeb għall-pretensjonijiet attriċi f'din il-kawża. Huma l-aħwa Abdelrezak waħedhom li qegħdin jagħmlu l-pretensjonijiet kontra l-atturi għall-ħlas tas-somma ta' miljun u tliet mitt elf euro (€ 1,300,000) u Rema ma tidħol xejn f'dan. Jekk l-atturi ġarrbu tassew xi danni, dawn ġarrbuhom minħabba l-ħruġ tal-Mandati kawtelatorji, u Rema ma talbet il-ħruġ tal-ebda wieħed minnhom. Il-Qorti ma tistax tilqa' l-argument tal-atturi biex "jitgħolla l-velu" ta' Rema biex ma tħallix lill-imħarrkin aħwa Abdelrezak jistaħbew wara l-personalita' ġuridika tagħha: dan l-argument jaqleb ta' taħt fuq il-prinċipju tad-Dritt Soċjetarju u ma kienx maħsub għal sitwazzjoni li l-atturi jriduha tgħodd għaliha;

Illi fuq is-saħħa ta' dawn il-konsiderazzjonijiet, il-Qorti tasal għall-fehma li l-ewwel eċċezzjoni preliminari hija tajba u sejra tilqagħha;

Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi billi:

**Tilqa' l-ewwel eċċezzjoni preliminari** tal-imħarrkin u ssib li l-kumpannija mħarrka Rema Trading Limited mhijiex il-leġittima kontradittriċi tal-azzjoni attriċi u qiegħda teħlisha milli tibqa' aktar fil-kawża, **bi spejjeż** għall-atturi.

**Moqrija**

**Onor. Joseph R. Micallef LL.D.,**
**Imħallef**

**29 ta' Marzu, 2017**

**Carmen Scicluna**
**Deputat Registratur**

**29 ta' Marzu, 2017**